**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2016

Talba Numru: 45/2016

Numru fuq il-Lista: 29

**Go plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS 1501**

**vs**

**Micallef Martin (614258M)**
**Crystal, Flat 1,**
**Triq ta' Xmiexi,**
**Msida**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fid-09 ta' Frar, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija

u wiehed u sittin ewro u hdax-il centezmu (€761.11c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement (Home Pack) flimkien ma' GO Sports (AC40182811) provduti lill-intimat.

Ra li mill-atti jirriżulta l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta u deher ghas-seduta tal-21 ta' April, 2016 u li fiha rregistra ammissjoni.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici a fol 6 li permezz tieghu kkonfermat li l-ammont huwa dovut mill-konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu jirrizulta li l-ammont ghadu dovut u ebda pagament ma sar mill-konvenut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna llill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u sittin ewro u hdax-il centezmu (€761.11c) bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**